


Rapport Annwali
2014



BERS
Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku
Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

Werrej

Kelmtejn qabel.....	3
Sommarju eżekuttiv.....	4

Kelmtejn qabel



*Mario Draghi
President tal-Bord Ewropew dwar
ir-Riskju Sistemiku*

Dan huwa r-raba' Rapport Annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' April 2014 u l-31 ta' Marzu 2015. Bid-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE dwar l-attivitajiet bankarji (CRD IV/CRR), dan huwa wkoll l-ewwel perjodu li fih l-awtoritajiet makroprudenzjali kellhom il-possibbiltà li jagħmlu użu diskrezzjonali mill-għodod makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea. Il-BERS kellu sehem importanti billi rakkomanda li jitwaqqfu l-awtoritajiet nazzjonali, u ssuġġerixxa li għandu jingħatalhom mandat politiku ċar u sħiħ u li għandhom ifasslu strateġiji biex iħejju għal azzjoni politika meta din tkun meħtieġa. L-ewwel fażi tat-twaqqif tal-politika makroprudenzjali fl-Ewropa għalhekk issa ntemmet. Għad baqa' biss f'tit Stati Membri li m'għaddewx din il-leġiżlazzjoni u nixtieq inħeġġiġhom iwettqu r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS.

Dan ir-Rapport Annwali fih l-ewwel ġabra istituzzjonali ta' madwar 90 azzjoni politika li ttieħdu mill-Istati Membri u li ġew innotifikati lill-BERS fil-perjodu analizzat. Nofshom huma aktarx ta' natura proċedurali filwaqt li n-nofs l-ieħor huma miżuri politiċi li ġew żviluppatti bħala prevenzjoni biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet. Il-BERS ipprova lill-awtoritajiet b'forum fejn setgħu jaqsmu l-ewwel esperjenzi tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-politika makroprudenzjali. Fl-istess ħin, il-BĊE seta' jintegra l-miżuri tiegħu ma' daww nazzjonali, u b'hekk inħoloq qafas li għandu jgħin biex tittieħed azzjoni meta din tkun meħtieġa.

Li tindirizza l-vulnerabbiltajiet tas-settur bankarju madankollu mhux biżżejjed, l-aktar fi żmien meta l-kundizzjonijiet diffiċli qegħdin joħolqu vulnerabbiltajiet komuni fis-segmenti kollha tas-swieq finanzjarji, u l-awtoritajiet għandhom il-ħsieb li jwaqqfu unjoni tas-swieq tal-kapital. Sar progress fil-ħidma biex ir-riskji ta' kontagġu jinftiehem aħjar fil-livell tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi, fl-isfond ta' settur bankarju parallel li qiegħed jikber b'ħeffa kbira. Fl-istess waqt, kwistjonijiet strutturali kkomplikati li kkaratterizzaw il-kriżi finanzjarja f'dawn l-aħħar snin għad iridu jiġu indirizzati, u n-natura globali tagħhom tfisser li għandhom jiġu ttrattati mill-perspettiva ta' żmien medju. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-inċentivi maħluqin mit-trattament regolatorju attwali tal-iskoperturi sovrani, li huma s-suġġett ta' rapport speċjali li sar mill-BERS.

Fl-aħħar nett, nixtieq niringrazzja minn qalbi lill-Professuri Martin Hellwig, André Sapir u Marco Pagano, kif ukoll lill-membri l-oħra tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv, għas-sostenn tagħhom lill-BERS f'dawn l-aħħar erba' snin. Il-mandat tagħhom intemm f'Marzu 2015.

Frankfurt am Main, Lulju 2015

Mario Draghi
President tal-BERS

Sommarju eżekuttiv

Il-perjodu ta' dan ir-Rapport Annwali kien ikkaratterizzat mill-ewwel sinjali ta' normalizzazzjoni tal-attività ekonomika fl-Ewropa, wara żmien twil ta' kriżi. Id-dgħufija ta' bażi tal-ekonomija, il-perjodu estiż ta' inflazzjoni baxxa u l-livell baxx konsegwenti tar-rati tal-imgħax madankollu laqta' ħażin l-ambjent makrofinanzjarju u esponew lis-setturi kollha tas-swieq finanzjarji għal sfidi ġodda. B'mod partikolari, is-sostenibbiltà tal-livelli attwali tal-prezzijiet tal-assi kulma tmur qiegħda tiddependi minn irkupru ekonomiku aktar qawwi, u t-tfittxija għar-rendita qiegħda tkompli tesponi lill-investituri għal riskju ta' riprezzar tas-swieq finanzjarji globali. Il-ġrajjet fil-Greċja reġgħu qanqlu r-riskji marbutin mas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, għalkemm ftit kienu s-sinjali ta' kontaġju fil-prezzijiet tas-suq fil-perjodu analizzat. It-tensjoni marbuta mal-konflitt fl-Ukraina qiegħda tkompli żżid mal-inċertezzi. Kien hemm tħassib ukoll minħabba li nħass li l-livell ta' likwidità f'xi segmenti tas-swieq finanzjarji kien insuffiċjenti, fl-isfond ta' ċerti episodji ta' volatilità eċċessiva għal żmien qasir. L-effetti tal-ambjent ta' rati tal-imgħax baxxi fuq l-istabbiltà finanzjarja jeftiġijhom jiġu ssorveljati mill-qrib sabiex il-politika makroprudenzjali u/jew ir-regolamenti finanzjarji jkunu jistgħu jirreaġixxu bil-ħeffa għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja.

Fuq in-naħa pożittiva, inkisbu wkoll riżultati importanti. L-analiżi tal-kwalità tal-assi u l-evalwazzjoni komprensiva tal-banek sinifikanti fiż-żona tal-euro, kif ukoll it-test tal-istress tal-Awtorità Bankarja Ewropea li sar fl-Unjoni Ewropea kollha, bl-għajnuna tal-BERS li ħejja eżerċizzju b'sitwazzjoni "negattiva għall-aħħar", għenu biex is-settur bankarju jkun aktar b'saħħtu u reżistenti, u dan wassal biex tjebru l-valutazzjonijiet tas-suq tal-banek. It-test tal-istress tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX), li wkoll kien ibbażat fuq eżerċizzju b'sitwazzjoni "negattiva" imħejji mill-BERS, ħareġ il-vulnerabbiltajiet strutturali fis-settur tal-assigurazzjoni li qabel kienu moħbijin mill-istandards tas-Solvenza I, u dan wassal biex l-AEAPX kompliet bl-azzjoni politika tagħha biex takkumpanja d-dħul fis-seħħ tar-reġim Solvenza II. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni marbuta mar-Regolament dwar l-Istruttura tas-Swieq Ewropej (EMIR) qiegħda wkoll toħloq il-bażi għad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tal-ikklerjar. Il-BERS għen f'dan billi ta l-opinjoni tiegħu lill-Awtorità Ewropea tal-Titoli u s-Swieq.

Ġew identifikati aktar kwistjonijiet strutturali li qanqlu tħassib, bħal-livelli baxxi ta' redditività tal-banek, tal-kumpanji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet u l-investment fil-kundizzjonijiet attwali tas-swieq, l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ġodda ta' risolvibbiltà għall-banek (u, fil-ġejjieni, għal aġenti oħra tas-swieq finanzjarji bħall-kumpanji tal-assigurazzjoni u l-kontropartijiet ċentrali), u l-impatt sistemiku usa' tar-riskji tal-imġiba fis-settur bankarju u lil hinn minnu. Għal dawn l-aħħar tliet snin, il-BERS ikkonċentra wkoll u ħadem fuq it-trattament regolatorju tal-iskoperturi sovrani. L-analiżi tal-BERS kellha l-għan li: (i) tipproduċi katalgu bir-raġunijiet tad-dispożizzjonijiet li joffru trattament privileġġat għall-iskoperturi sovrani fil-leġiżlazzjoni bankarja u assigurattiva globali u fil-livell tal-UE; (ii) tiġbor evidenza dwar dawn l-iskoperturi u tipprova tidentifika l-kawżi għall-imġiba tas-swieq; u (iii) tanalizza l-għażliet politiċi minn fost sett wiesa' ħafna ta' interventi li jistgħu jsiru fi żmien medju, filwaqt li telenka l-punti tajbin u ħżiena tal-għażliet individwali. Il-BERS daħal għal din il-ħidma sabiex jagħti sehmu għal riżoluzzjoni aktar strutturali tal-ħoloq negattivi ta' reazzjoni bejn l-istat tal-finanzi pubbliċi u s-saħħa tas-setturi bankarji u tal-assigurazzjoni. Kien minħabba f'hekk li l-kriżi finanzjarja ta' dawn l-aħħar snin saret daqstant diffiċli biex tiġi indirizzata. Huwa kruċjali li r-riformi jiġu implimentati b'mod kredibbli u effikaċi biex tiġi indirizzata din il-problema għal żmien medju u fit-tul.

F'dan il-perjodu ngħatat attenzjoni speċjali biex jiġi analizzat l-ewwel użu min-naħa tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-għodod makroprudenzjali ġodda li jinsabu fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Pajjiż wieħed (l-Isvezja) diġà daħħal il-bafer tal-kapital kontroċikliku, filwaqt li pajjiż ieħor (il-Belġju) uża dik magħrufa bħala l-klawsola tal-flessibbiltà li tinsab fl-Artikolu 458 tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital, li biha rrestrinġa l-piżijiet tar-riskju fuq ċerti skoperturi tal-proprjetà immobiljari. Il-BERS ħareġ opinjoni dwar din tal-aħħar. Uħud mill-Istati Membri tal-UE kienu partikolarment attivi u użaw taħlita ta' strumenti differenti. Kwistjoni li teħtieġ aktar ħidma hija l-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet makroprudenzjali, anki sabiex jitqies l-impatt transkonfinali tal-miżuri tagħhom, u r-reċiproċità tal-miżuri makroprudenzjali bejniethom, sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u jinżammu l-istess kundizzjonijiet għal kulha. Sar progress dwar l-istrumenti makroprudenzjali f'żewġ aspetti: (i) l-identifikazzjoni ta' sett komuni ta' regoli u indikaturi biex jiġu ssettjati r-rati tal-bafer tal-kapital kontroċikliku (inkluża rakkomandazzjoni formali tal-BERS lill-awtoritajiet nominati); u (ii) l-użu ta' *add-ons* makroprudenzjali għall-proporzjon tal-ingranaġġ, biż-żieda ta' kapitlu ġdid dwarhom fil-Manwal tal-BERS ippubblikat fl-2014.

Dwar l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS li ħarġu qabel, il-valutazzjoni globali għadha pożittiva. Kif diġà ssemma qabel, ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-mandat makroprudenzjali (BERS/2011/3) u dwar l-għanijiet u l-istrumenti intermedji tal-politika makroprudenzjali (BERS/2013/1) intlaqgħu b'approvazzjoni ġenerali, u dan issa qiegħed jidher fl-implimentazzjoni tal-politika. L-applikazzjoni b'suċċess tar-rakkomandazzjoni tal-BERS dwar is-self f'munita barranija (BERS/2011/1) għenet lil xi pajjiżi jtaffu l-impatt tal-apprezzament għal għarrieda tal-frank Svizzeru f'Jannar 2015, impatt li seta' kien imdaqqs sew. Ir-rakkomandazzjoni tal-BERS dwar il-finanzjament bid-dollaru Amerikan (BERS/2011/2) fil-biċċa l-kbira wkoll ġiet implimentata, skont il-kriterji mifteħmin ta' proporzjonalità.

Fl-aħħar nett, inħatar il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv (ASC) il-ġdid, permezz tal-proċedura statutorja li tippermetti lill-partijiet interessati jippreżentaw il-kandidatura tagħhom. Il-President il-ġdid tal-ASC huwa l-Professor Philipp Lane ta' Trinity College, Dublin. Iż-żewġ Viċi Presidenti huma l-Professor Marco Pagano tal-Università Federico II ta' Napli u l-Professor Javier Suarez taċ-Ċentru għall-Istudji Monetari u Finanzjarji (CEMFI) ta' Madrid.

© **Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, 2015**

Indirizz 60640 Frankfurt am Main, il-Ġermanja
Telefon +49 69 1344 0
Internet www.esrb.europa.eu

Il-jeddijiet kollha miżmumin.

Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa sakemm jissema s-sors.

Id-data tal-għeluq għad-dejta inkluża f'dan ir-rapport kienet is-26 ta' Ġunju 2015.

It-traduzzjoni tar-Rapport Annwali 2014 tal-BERS bil-Malti tiġbor fiha biss il-Kelmtejn Qabel u s-Sommarju Eżekuttiv. Għal aktar tagħrif jekk jogħġbok ara l-verżjoni sħiħa bl-Ingliż li tinsab fil-websajt tal-BERS (<http://www.esrb.europa.eu>).

ISSN 1977-5601 (onlajn)
ISBN 978-92-899-1916-6 (onlajn)
DOI 10.2866/4974 (onlajn)
Numru tal-katalgu tal-UE DT-AB-15-001-MT-N (onlajn)